**Qorti tal-Appell Kriminali**

**Onor. Imħallef Dr. Edwina Grima LL.D.**

**Appell Nru: 429/ 2018**

**Il-Pulizija**

**Spettur John Spiteri**

**Vs**

**Omissis**

Illum 27 ta' Novembru, 2020

Il-Qorti,

Rat l-akkuzi dedotti kontra l-appellant Omissis, akkużat quddiem il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali talli f'dawn il-Gżejjer u ġewwa f'xi żminijiet bejn Jannar tas-sena 2009 u Diċembri tas-sena 2015, b'diversi atti magħmulin minnu ukoll jekk fi żminijiet differenti u li kisru l-istess dispożizzjoni tal-liġi, u li ġew magħmula b'riżoluzzjoni waħda;

> B'għemil żieni, ikkorrompa persuni taħt l-erta' u cioe' uliedu A u B Omissis I; liema delitt sar minn axxendent mid-demm. Art 203 (1) (c) tal-Kap 9 tal-Liġijiet ta' Malta.
>
> U aktar talli fl-istess dati, lok, ħinijiet u ċirkostanzi ppartecipa f'attivitajiet sesswali ma' persuni taħt l-eta' u cioe' uliedu A u B (Art (204 C. (1). Art 204 C (2) (b) Art 208 AC 1 (d), (e) tal-Kap 9 tal-Liġijiet ta' Malta.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali tas-16 ta' Novembru, 2018 li wara li rat l-Artikoli tal-liġi ndikati mill-Avukat Ġenerali fin-nota ta' Rinviju u senjament l-Artikoli 17, 18, 203(1)(c), 203(1), 204C(1), 204(C)(2)(b), 208AC1(d) u (e) tal-Kodiċi Kriminali sabet lill-appellant ħati tal-imputazzjonijiet kollha miġjuba fil-konfront tiegħu u kkundannatu erba' (4) snin priġunerija.

B'applikazzjoni tal-Artikolu 412C tal-Kodiċi Kriminali l-Qorti ordnat l-ħruġ ta' Ordni ta' Protezzjoni għal-perjodu ta' erba' (4) snin m'illum fejn il-persuni protetti huma B u A.

Illi sabiex tiġi protetta l-identita' tal-vittmi l-Qorti ordnat d-divjiet ta' isem l-istess vittmi u isem l-imputat kif ukoll dettalji li permezz tagħhom huma jistgħu jiġu identfikati fi kwalunkwe mezz ta' kommunikazzjoni.

Il-Qorti inoltre a tenur ta' dak li jiddisponi l-Kapitolu 518 tal-Liġijiet ta' Malta tordna li isem l-imputat jitpoġġa fuq ir-Reġistru mwaqqaf permezz tal-imsemmi Att u għal dan il-għan qed tordna li kopja ta' din is-sentenza tiġi notifikata lir-Reġistratur tal-Qorti sabiex isir tali annotazzjoni.

Rat ir-rikors tal-appellant Omissis, ppreżentat fit-3 ta' Diċembru, 2018, fejn talab lil din l-Qorti tħassar u tirrevoka s-sentenza appellata in kwantu sabet l-appellant ħati tal-ewwel u t-tieni imputazzjoni, u konsegwentement tilliberah minnhom u l-konsegwenti ħtija u piena, **u alternattivament**, f'każ biss illi din il-Qorti tichad l-aggravji tal-appellant dwar is-sejbien ta' ħtija u tikkonferma is-sentenza appellata, l-appellant jitlob bir-rispett li din l-Onorabbli Qorti tirriforma s-sentenza appellata, billi tvarja l-piena inflitta, għal waħda aktar ekwa ġusta u miti, sabiex tkun tirrispekkja il-fatti tal-każ.

Rat l-atti u d-dokumenti kollha.

Rat il-fedina penali aġġornata tal-appellant esebita mill-prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti.

Semgħet it-trattazzjoni tal-partijiet.

Ikkunsidrat:

Illi fl-appell minnu ntentat l-appellant jagħmel enfasi fuq ir-rinunzja għall-azzjoni kriminali magħmula minn uliedu B u A matul il-mori tal-kawża. Jilmenta mill-fatt illi l-Ewwel Qorti injorat din ir-rinunzja u li allura din setgħet titfa dawl fuq il-veracita' o meno tal-allegazzjonijiet magħmula mill-vittmi u għaddiet sabiex sabitu ħati tal-imputazzjonijiet miġjuba kontrih. Sussidjarjament jikkontendi illi fid-dawl ta' din ir-rinunzja magħmula mill-vittmi ta' dan ir-reat, jisħaq illi l-piena kellha tkun waħda aktar miti u li ndubbjament ma haditx kont tax-xewqa tal-vittmi nfushom.

Illi il-Qorti eżaminat mill-ġdid l-atti tal-kawża u partikolarment dak allegat mill-appellant dwar ir-rinunzja magħmula minn uliedu għall-azzjoni kriminali stitwita kontra tiegħu u jekk setax kien hemm id-dubbju raġjonevoli fir-rakkont li ħareġ minn dawn iż-żewġ xebbiet, dubbju li l-Ewwel Qorti ma irriskontratx. Illi dawn il-proceduri penali raw il-bidu tagħhom meta nhar it-2 ta' Awwissu 2016 il-pulizija tal-Iskwadra ta' kontra l-Vizzji rċevew rapport mingħand il-haddiema socjali fi ħdan iċ-*Child Protection Unit* dwar persuna minorenni certu B li, flimkien ma ommha, rrappurtat li kienet vittma ta' abbuż sesswali minn taħt idejn missierha, l-appellant. Dan allegatament gara meta missierha kien iġiegħla timmasturbah, abbuz li seħħ f'aktar minn okkazzjoni waħda fuq medda ta' snin. Il-pulizija kienu tkellmu ma' B fil-preżenza ta' ommha u tas-*social worker* fejn din kienet spjegatilhom illi l-ewwel darba li ġiet abbużata kellha l-eta' ta' bejn it-tnax (12) u t-tlettax-il sena. Din l-istorja ta' abbuz kienet bdiet meta tallbet il-permess lil ommha sabiex tmur harga Għawdex ma tal-iskola, izda ommha kienet gharrfitha li minhabba problemi ta' flus ma setatx tibghatha, izda meta tallbet permess lil missierha huwa accetta bil-kundizzjoni illi hija taghtih pjacir sesswali billi timmasturbah. Kien ghalhekk urieha x'għandha tagħmel fil-kamra tas-sodda matrimonjali. L-istess kien sehh meta kellha erbatax-il sena u talbet lil missierha il-permess sabiex tmur iċ-ċentru taż-żagħżagħ faċċata tad-dar tagħhom ma' sħabha. Din id-darba l-attivitajiet sesswali saru fil-garaxx.

Spjegat ukoll inċident li seħħ f'għeluq sninha meta kienet ħarġet Paceville u meta dahhlu id-dar tallbet l-ghajnuna ta' missierha minhabba li oħtha l-kbira li kienet fis-sakra kienet ma tiflahx. F'dik l-okkazzjoni missierha kien qalilha li la qajmitu kellha timmasturbah biex traqdu fejn kellha taghmel dak li talabha sakemm eġakula. B kienet tkellmet ukoll ma oħtha il-kbira A li kkonfermat maghha li kienet għaddiet mill-istess esperjenzi minn taht idejn missierha. Din izda wissietha biex ma titkellem xejn għall-ġid tal-familja u biex ma jinqalax inkwiet bejn il-ġenituri. Fil-fatt meta l-ufficjal investigatur tkellem ma' A, din inizjalment kienet innegat u kienet anki akkuzat lill-oħtha li kienet giddieba. Madankollu sussegwentment fethet qalbha u stqarret il-verita'. Din spjegat li meta kellha l-eta' ta' bejn it-tlettax u erbatax-il sena, filwaqt li kienet qed tara film fuq is-sodda ma' missierha, dan beda jimmasturba quddiemha. Dawn l-atti libidinuzi kienu rrepetew rwiehhom f'okkazzjonijiet oħra fejn kien hemm inċidenti meta hi kienet immasturbatu wkoll u dan kien jiġri ripetutament kull xahar jew xahar u nofs. Dan l-abbuż kien baqa sejjer sakemm ghalqet sbatax-il sena. Illi l-parti leza jikkonfermaw dawn il-fatti fix-xiehda taghhom quddiem il-Qorti u jixhdu aktar fid-dettal u jziedu illi huma xtaqu jahfru lil missierhom u wkoll li jwaqqfu il-proceduri kriminali pendenti kontra tieghu.

L-appellant jaghti l-uniku verzjoni tieghu tal-fatti fl-istqarrija rilaxxjata minnu lil pulizija meta ġie arrestat u interrogat, fejn hu filfatt ikkonferma li kien għamel dawn l-atti libidinuzi ma' uliedu iżda saħaq li dan għamlu sabiex jesponiehom ghall-edukazzjoni sesswali u l-perikli marbuta ma' din l-attivita'

Ikkunsidrat:

Illi jibda biex jinghad illi l-prosekuzzjoni tar-reat tal-korruzzjoni tal-minorenni ma tenhtiegx il-kwerela tal-parti offiza u titmexxa *ex officio* mill-pulizija u dan meta l-att inkriminatorju isehh b'abbuz ta' setgha ta' genitur fuq uliedu u dan kif tajjeb irrimarkat l-Ewwel Qorti fis-sentenza appellata. Kwindi ir-rinunzja da parti ta' ulied l-appellant ghall-azzjoni kriminali tista' sservi biss bhala attenwanti ghal piena u xejn izjed.

L-appellant, izda jilmenta illi l-Ewwel Qorti naqset milli tikkunsidra x'wassal għar-rinunzja maghmula minn uliedu u fuq kollox x'wassal għar-rapport maghmul lil Agenzija Appogg, u wkoll għall-fatt illi inizjalment A kienet cahhdet l-allegazzjonijiet li saru minn oħtha fil-konfront ta' missierha. Jingħad però illi l-Qorti, bhall-Ewwel Qorti qabilha, ma tistax tinjora l-ammissjoni maghmula mill-appellant fl-istqarrija tieghu li tikkorrobora il-verzjoni tal-fatti ta' uliedu, li xehdu *in extenso* quddiem l-Ewwel Qorti u taw id-dettall dwar l-abbuz minnhom subit. Inoltre l-Qorti ma tistax tinjora il-fatt ukoll illi dawn iz-zewg tfajliet baqghu dejjem konsistenti fil-verzjoni tal-fatti minnhom moghtija. Kwindi m'hemm l-ebda dubbju illi dak li allegaw dawn iz-zewg tfajliet fil-konfront ta' missierhom ghandu mis-sewwa u certament ma jikkostitwixxi ebda fabbrikazzjoni frott tal-problemi matrimonjali li kien hemm bejn l-appellant u martu, kif donnu jallega.

Finalment kif irriteniet ġustament l-Ewwel Qorti għal dak li jirrigwarda r-reat mfassal fl-artikolu 204C tal-Kodici Kriminali, dan ma jirrekjedix il-kwerela tal-parti offiża ghal sejbien ta' htija u b'hekk dan ir-reat huwa prosegwibbli *ex officio*.

Kwindi l-Qorti hija tal-fehma illi l-Ewwel Qorti setgħet legalment u raġjonevolment issib ħtija fil-konfront tal-appellant ghall-akkużi kif miġjuba kontra tiegħu u allura l-ewwel aggravju qed jigi michud.

Ikkunsidrat:

Illi jifdal biss biex jigi kkunsidrat l-aħħar aggravvju marbut mal-piena erogata mill-Ewwel Qorti ta' erba' snin prigunerija, li fil-fehma tal-appellant hija waħda eċċessiva, speċjalment fid-dawl tar-rinunzja espressa minn uliedu fix-xiehda taghhom, l-ammissjoni bikrija da parti tieghu meta huwa gie interrogat, kif ukoll il-fedina penali li mhijiex waħda refrattarja.

Illi l-ewwel u qabel kollox jingħad illi l-piena applikabbli fil-konfront tal-appellant hija dik li kienet vigenti qabel id-dħul fis-seħħ tal-emendi fil-liġi ghar-reati li dwarhom l-appellant gie misjub hati, bil-parametri jkunu dawk tal-prigunerija ta' bejn tlett snin u sitt snin. Kwindi m'hemm l-ebda dubbju li l-piena ta' erba' snin priġunerija taqa' sewwasew fil-parametri tal-liġi. Jirriżulta mill-fedina penali tal-appellant illi hu kellu preċedent penali ta' natura kontravenzjonali. Għal dak li jirrigwarda l-ammissjoni bikrija, filwaqt illi l-appellant ammetta għall-atti ta' natura sesswali kommessi fil-konfront ta' uliedu meta' ġie mitkellem mill-pulizija fil-bidu tal-investigazzjonijiet, madanakollu fl-ebda waqt matul dawn il-proceduri ma irregistra xi ddikjarazzjoni ta' ħtija u kwindi fil-fehma tal-Qorti huwa ma ghandux jibbenefika minn riduzzjoni fil-piena minhabba f'dan il-fatt.

Illi ukoll ghalkemm huwa minnu illi ulied l-appellant haffru lil missierhom ghall-abbuz sesswali minnhom subit matul is-snin tat-tfulija taghhom, madanakollu l-Qorti ma tistax tinjora in-natura serja tar-reati li dwarhom l-appellant gie misjub hati fejn mhux biss il-minuri soffrew abbuz minn eta' zghira, izda dan l-abbuz gie ipperpetrat mill-persuna li kellu l-ewwel dmir li jiehu hsiebhom, jedukahom u jindukrahom u li jharishom minn dawn it-tip ta' esperjenzi koroh f'hajjithom. Il-Qorti ma tistax tinjora l-fatt illi z-zewg ulied ta'l-appellant kienu kostretti għal żmien twil jissottomettu lilhom infushom għar-rieda żienja ta' missierhom u zammew is-silenzju biex isalvaw l-istabbilita' fil-familja tagħhom. In oltre l-Qorti tinnota wkoll l-attitudni tal-appellant meta rinfaċċjat bl-allegazzjonijiet maghmula kontra tiegħu minn uliedu fejn stqarr illi huwa lanqas irrealizza li ghall-agir libidinuz tieghu kien ser ikun hemm konsegwenzi serji u li ntroduca lil uliedu ghal hajja sesswali bl-iskuza li ghamel dan biex jedukahom, hsibijiet li fil-fehma tal-Qorti jiehdu xejra perikoluza u jaghtu stampa ta' perverzjoni minn missier li kif inghad d-dmir tieghu huwa li jhares lil uliedu minn dawn l-esperjenzi koroh u ma jkunx hu stess il-perpetratur. Illi finalment il-piena ta' erba' snin prigunerija tqarreb aktar lejn il-minimu u kwindi l-Qorti hija tal-fehma illi tenut kont tac-cirkostanzi tal-kaz, din ghandha tibqa' invarjata.

Għal dawn il-motivi l-Qorti taqta' u tiddeċiedi billi tiċħad l-appell u tikkonferma is-sentenza appellata fl-intier tagħha. Tikkonferma id-divjet fil-publikazzjoni ta' isem il-minuri u wkoll ta' isem l-appellant u dan ghal harsien tal-vittmi u l-familja taghhom. Tordna ukoll lir-Registratur tal-Qorti jaghmel dak ordnat lilu fis-sentenza appellata u dan fit-termini tal-Kapitolu 518 tal-Ligijiet ta' Malta.

(ft) Imhallef

Vera Kopja

Joyce Agius
Deputat Registratur